

32006R0590

L 14/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.4.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 590/2006****tat-12 ta' April 2006****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-pajjiżi u t-territorji****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 21 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistipola lista ta' pajjiżi u territorji terzi minn fejn il-moviment ta' l-annimali domestiċi (pets) lejn il-Komunità jista' jiġi awtorizzat, sakemm jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti.
- (2) Lista provviżorja ta' pajjiżi terzi ġiet stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 998/2003, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 592/2004 <sup>(2)</sup>.
- (3) Dik il-lista provviżorja, li diġà ġiet emendata diversi drabi, tinkludi pajjiżi u territorji terzi li huma ħielsa mill-marda ta' l-idrofobija (tar-rabja) u pajjiżi u territorji terzi fejn ir-riskju li tidħol il-marda ta' l-idrofobija fil-Komunità bħala riżultat tal-movimenti minn dawk il-pajjiżi u t-territorji terzi nstab li mhux ikbar mir-riskju assoċjat mal-movimenti bejn l-Istati Membri.
- (4) Mill-informazzjoni li ressqu l-Bosnja u Herzegovina u l-Bulgarija, jidher li r-riskju li l-marda ta' l-idrofobija

tidħol fil-Komunità bħala riżultat tal-movimenti ta' annimali domestiċi minn dawn il-pajjiżi nstab li mhux ikbar mir-riskju assoċjat mal-movimenti bejn l-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li diġà huma elenkati fir-Regolament (KE) Nru 998/2003. Għalhekk, dawk il-pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi fil-lista provviżorja ta' pajjiżi u territorji terzi stipulata fil-Parti C fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

- (5) Għal finijiet ta' ċarezza, il-lista ta' pajjiżi u territorji stipulata fir-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandha tinbidel kollha kemm hi.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandu jiġi emendat skond dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-12 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 18/2006 (ĠU L 4, 7.1.2006, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 94, 31.3.2004, p. 7.

## ANNEX

## "ANNEX II

## LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI

## PARTI A

IE	l-Irlanda
MT	Malta
SE	l-Iżvezja
UK	ir-Renju Unit

## PARTI B

**Sezzjoni 1**

- (a) DK – Id-Danimarka, inklużi GL - Greenland u FO - Il-Gżejjer Faeroe
- (b) ES – Spanja, inklużi t-territorju kontinentali, il-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla;
- (c) FR – Franza, inklużi GF- il-Ginea Franċiża, GP - Guadeloupe, MQ - Martinique u RE - Réunion;
- (d) GI – Ġibiltà;
- (e) PT – Il-Portugall, inklużi t-territorju kontinentali, il-Gżejjer Azzorri u l-Gżejjer ta' Madeira;
- (f) Stati Membri minbarra dawk imniżżla fil-Parti A u l-punti (a), (b) (c) u (e) ta' din is-Sezzjoni.

**Sezzjoni 2**

AD	Andorra
CH	l-Iżvizzera
IS	l-Iżlanda
LI	Liechtenstein
MC	Monako
NO	in-Norveġja
SM	San Marino
VA	l-Istat tal-Belt tal-Vatikan

## PARTI C

AC	il-Gżira ta' Ascension
AE	L-Emirati Għarab Magħquda
AG	Antigwa u Barbuda
AN	L-Antilli Olandiżi
AR	l-Arġentina
AU	l-Awstralja
AW	Aruba
BA	il-Bosnja u Herzegovina
BB	Barbados
BG	il-Bulgarija
BH	Baħrejn
BL	il-Belarus
BM	Bermuda
CA	il-Kanada
CL	iċ-Ċili

---

FJ	Fiġi
FK	il-Gżejjer Falkland
HK	Hong Kong
HR	il-Kroazja
JM	il-Ġamajka
JP	il-Ġappun
KN	Saint Kitts u Nevis
KY	il-Gżejjer Cayman
MS	Montserrat
MU	il-Mawrizju
MX	il-Messiku
NC	New Caledonia
NZ	New Zealand
PF	il-Polineżja Franċiża
PM	Saint Pierre u Miquelon
RO	ir-Rumanija
RU	il-Federazzjoni Russa
SG	Singapor
SH	Saint Helena
TT	Trinidad u Tobago
TW	it-Tajwan
US	l-Istati Uniti ta' l-Amerika (inkluż ĠU-Guam)
VC	Saint Vincent u l-Grenadines
VU	Vanuatu
WF	Wallis u Futuna
YT	Mayotte"

---